**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Gunju 2017**

**Pulizija**

**Roderick Agius**

**Vs**

**Alex Mallia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra:

**Alex Mallia**, bin Carmelo u Aloysia nee' Vella, imwieled il-Pieta' fit-2 ta' Novembru 1977 u residenti 216, Triq Santa Katarina, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' 523277M;

Akkuzat talli fl-20 ta' Gunju 2016 ghall-habta tas-19:15hrs u fil-hin ta' qabel gewwa Haz-Zebbug u f'dawn il-Gzejjer flimkien ma persuna ohra:

1) Ikkommetta serq ta' diversi batteriji, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.27) u bil-mezz ghad-detriment ta' George Falzon, Joseph Falzon u/jew persuni ohra w/jew entitajiet ohra;

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi irrendew ruhhom recidivi ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

**Omissis** wahdu:

3) Huwa akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal iktar minn mija w sittax-il euro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' George Falzon/ Natasha Fenech u/jew persuni ohra;

4) Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' George Falzon f'periklu car ikkommetta feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Falzon;

5) Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi u aktar talli kkommetta reat waqt li hu taht l-ordni ta' probation ghal sentenza, liema sentenza nghata mill-Qorti tal-Magistrati presenduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli nhar id-19 ta' Novembru 2015, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-gurnata w l-hin indikati, xi persuna jew persuni mhux maghrufa kienu dahlu f'ghalqa biswit

pompa tal-petrol proprjeta' ta' certu George u Joseph ahwa Falzon, u dawn kienu qed jiehdu numru ta' batteriji wzati li kienu qed jinzammu ghal 'scrap'. Wiehed minn dawn il-persuni, certu Darren Brincat, inqabad fuq is-sit *in flagrante delicto*, u ghalkemm ipprova jahrab minn fuq il-post, dan gie arrestat. Saret tfittxija lill-komplici tieghu, u kienu twaqqfu persuni fil-vicinanzi, fosthom l-imputat Alex Mallia, li min-naha tieghu innega li kien parti mis-serqa u li qal li hu kien hemm jimxi bhal ma jaghmel regolarment. Minkejja dan, il-Prosekuzzjoni ghazlet li tressqu akkuzat bis-serq tal-batteriji msemmija.

Mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni naqset milli torbot lill-imputat ma' dan l-incident. Ma hemm ebda prova, la identifikazzjoni jew impronta digitali jew xi forma ta' prova ohra, diretta jew le, li tista' twassal ghall-presenza tal-imputat fuq ix-xena tad-delitt. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ma ssibux hati u tilliberah.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 20, 31, 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, 278(1)(2), 279(b), 280(1)(2), 289 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

D il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzai kif dedotti mill-Prosekuzzjoni w ghalhekk qed tilliberah minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**